Nru./No. 20,763
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 5 ta' Jannar, 2022
Wednesday, 5th January, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 37 - 38
Government Notices ..... *37 - 38*

Avviżi tal-Qorti ..... 38 - 40
Court Notices ..... *38 - 40*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 4

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT TAL-ISTAT

BIS-SETGĦAT mogħtija bl-Artikolu 91A(1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra bħala Aġent Avukat tal-Istat ta' Dott. Andria Buhagiar, Deputat Avukat tal-Istat, mill-4 ta' Jannar, 2022, sal-14 ta' Jannar, 2022.

Il-5 ta' Jannar, 2022

Nru. 5

ĦATRA TA' MEMBRU TAL-BORD TAL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

QIEGĦED jiġi mgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sa Trischia Falzon bħala membru tal-Bord tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali minflok Dr Angele Ellul Fenech.

Din il-ħatra tibqa' valida sal-25 ta' April, 2022.

Il-5 ta' Jannar, 2022

Nru. 6

KONSLU ONORARJU TA' MALTA FI SKOPJE, Il-MAĊEDONJA TA' FUQ

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lill-Professur Dr Kocho Angjushev bħala Konslu Onorarju ta' Malta fi Skopje, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:

Boulevard St. Kliment Ohridski 30,
1000 Skopje,
North Macedonia

Numru tal-telefown: +389 2 321 5062
Indirizz elettroniku: (maltaconsul.skopje@gov.mt)

Il-5 ta' Jannar, 2021

GOVERNMENT NOTICES

No. 4

APPOINTMENT OF ACTING STATE ADVOCATE

IN exercise of the powers conferred by Article 91A(1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment as Acting State Advocate of Dr Andria Buhagiar, Deputy State Advocate, with effect from 4th January, 2022, until 14th January, 2022.

5th January, 2022

No. 5

APPOINTMENT OF MEMBER OF THE BOARD OF THE FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

IT is notified for general information that the Prime Minister has approved the appointment of Ms Trischia Falzon as member of the Board of the Foundation for Social Welfare Services in lieu of Dr Angele Ellul Fenech.

This appointment shall remain valid until 25th April, 2022.

5th January, 2022

No. 6

HONORARY CONSUL OF MALTA IN SKOPJE, NORTH MACEDONIA

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Professor Dr Kocho Angjushev as Honorary Consul of Malta in Skopje, North Macedonia.

The Honorary Consulate is situated at:

Boulevard St. Kliment Ohridski 30,
1000 Skopje,
North Macedonia

Telephone Number: +389 2 321 5062
Email: (maltaconsul.skopje@gov.mt)

5th January, 2021

Nru. 7

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'LIECHTENSTEIN

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lil Dr Peter Krenn bħala Konslu Onorarju ta' Malta fil-Prinċipat ta' Liechtenstein.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:

Schaaner Strasse 27
9487 Gamprin-Bendern
Liechtenstein

Numru tal-telefown: +4232655640
Indirizz elettroniku: (maltaconsul.liechtenstein@gov.mt)

Il-5 ta' Jannar, 2021

No. 7

HONORARY CONSUL OF MALTA IN LIECHTENSTEIN

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Dr Peter Krenn as Honorary Consul of Malta in the Principality of Liechtenstein.

The Honorary Consulate's address is:

Schaaner Strasse 27
9487 Gamprin-Bendern
Liechtenstein

Telephone Number: +4232655640
Email: (maltaconsul.liechtenstein@gov.mt)

5th January, 2021

Nru. 8

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'BOGOTÁ, Il-KOLOMBJA

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lil Dr Angela Schembri Pena bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'Bogotá, ir-Repubblika tal-Kolombja.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li gej:

Calle 140 #6 -10(502)
Bogotá DC, Colombia
Numru tal-telefown: +57 322-8596462
Indirizz elettroniku: (maltaconsul.bogota@gov.mt)

Il-5 ta' Jannar, 2021

No. 8

HONORARY CONSUL OF MALTA IN BOGOTÁ, COLOMBIA

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Dr Angela Schembri Pena as Honorary Consul of Malta in Bogotá, the Republic of Colombia.

The Honorary Consulate's address is:

Calle 140 #6 -10(502)
Bogotá DC, Colombia
Telephone Number: +57 322-8596462
Email: (maltaconsul.bogota@gov.mt)

5th January, 2021

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

18

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, minn din il-Qorti (FS) fis-17 ta' Diċembru, 2021, Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Adrian Puglisevich et vs Vladimir Puglisevich, Rikors numru 1800/2021/1 FS, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Vladimir Joseph Puglisevich, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet (Rikorrenti) Adrian Puglisevich, sales manager, miżżewweġ, kontra (Intimat) Vladimir Joseph Puglisevich, pensjonant, armel, ta' Irene Puglisevich, fis-

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, by this Court (FS) on the 17th December, 2021, Warrant of Prohibitory Injunction, in the names Adrian Puglisevich et vs Vladimir Puglisevich, Application number 1800/2021/1 FS, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Vladimir Joseph Puglisevich, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Adrian Puglisevich, sales manager, married, against (Respondent) Vladimir Joseph Puglisevich, pensioner, widower of Irene Puglisevich, on

6 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Adrian Pugvlisevich (KI 259962M), Audrey Fenech (KI 43264M) u Rachel Baldacchino (KI 380072M) esponew bil-qima:

Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inbizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu kull proprejtà u b'mod partikolari:

1. Il-bunglalow bl-isem 'La Providence' bin-numru uffiċjali 29, fuq Triq Birkirkara, Ħ'Attard, u b'entratura separata bin-numru uffiċjali 1, fi Triq Qrib San Anton, Ħ'Attard, konfinanti kif jingħad fil-mandat, bl-arja tagħha u bil-ġonna ta' madwarha libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha,

2. Tliet mija u tletin (330) sehem ordinarju tal-valur nominal ta' €2.329373 kull sehem fil-kumpanija Viaarco Limited (C11386)

3. Erbgħa u għoxrin elf (24,0009) sehem preferenzjali tal-valur nominali ta' €2,329373 kull sehem, fil-kumpanija Viaarco Limited (C11386),

4. Elfejn (2,000) sehem ordinarju tal-valur nominali ta' €2.329373 kull sehem fil-kumpanija Pulvich Explosives Industries Limited (C10071);

Illi l-esponenti huma tliet ulied tal-intimat Vladimir J. Puglisevich u ta' martu Irene Puglisevich li mietet fl-14 ta' Awwisu, 2020;

Illi s-suċċessjoni tal-imsemmija Irene Puglisevich hija regolata b'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha, tal-21 ta' Gunju, 2006, ai termini ta' liema Irene Puglisevich istitwiet lil-konvenut bħala eredi unversali tagħha filwaqt li għamlet biss numru ta' legati lill-esponenti;

Illi l-esponenti interpellaw lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tal-porzjon riżervat spettanti lilhom mill-wirt ta' Irene Puglisevich;

Illi l-esponenti diġà ddeduċew il-pretensjoni tagħhom in forza ta' Rikors numru 1104/2021 FS li huwa appuntat għat-18 ta' Jannar, 2022;

Illi r-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ proviżorjament mandat a tenur tal-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex id-drittijiet tar-rikorrenti ma jiġux preġudikati.

Kreditu: Seba' mitt elf ewro (€700,000)

the 6th December, 2021, the applicant Adrian Puglisevich (ID 259962M), Audrey Fenech (ID 43264M) and Rachel Baldacchino (ID 380072M) respectfully pleaded:

That the interpellants in order to secure the credit hereunder mentioned against the respondent humbly pray this Honourable Court to order the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent in order that he be witheld from selling, alienating, transfering or disposing both intervivos by onerous of gratuitous title any property and in particular,

1. The bungalow with the name 'La Providence', with official number 29, on Triq Birkirkara, Ħ'Attard, and with a separate entrance with official number 1, in Triq Qrib San Anton, Ħ'Attard, bordering as stated in the warrant with its airspace and with the surrounding gardens ,free and unencumbered with all its rights and appurtenances,

2. Three hundred thirty ordinary shares (330)of the nominal value of €2.329373 each share in the company Viaarco Limited (C11386),

3. Twenty four thousand (24,000) preferential shares of the nominal value of €2,329373 each share in the company Viaarco Limited (C11386),

4. Two thousand (2,000) ordinary shares of the nominal value of €2.329373 each share in the company Pulvich Explosives Industries Limited (C10071);

That the interpellants are the three children of the respondent Vladimir J. Puglisevich and of his wife Irene Puglisevich who died on the 14th August, 2020;

That the succession of the said Irene Puglisevich is regulated by a will unica charta in the records of Notary Joseph Henry Sciriha of the 21st June, 2006, in terms of which Irene Puglisevich appointed the defendant as her universal heir whilst she made only a number of legacies in favour of the interpellants;

That the interpellants called upon the defendant to come forward to the liquidation and payment of the resereved portion due to them from the inheritance of Irene Puglisevich;

That the interpellants have already brought forward their claims in virtue of Application number 1104/2021 FS, which is appointed on the 18th January, 2022;

That the applicants pray tjhis Honorable Court to issue provisionally a warrant in terms of Article 875(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta so that the rights of the applicants are not prejudiced.

Credit: Seven hundred thousand euro (€700,000)

Titolu: Il-Valur tal-porzjon riżervat spettanti lill-sekwestranti mill-eredità ta' ommhom Irene Puglisevich li ġiet nieqsa fl-14 ta' Awwissu, 2020, u li istiwiet lill-intimat bħala eredi tagħha in virtù ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph H. Sciriha, datat 21 ta' Gunju, 2006.

Illum 6 ta' Diċembru 2021.

Mandat ta' Inibizzjoni fejn it-talba teċċedi l-€11,646.86c

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għal ordni infraskritta,

U wara li tagħmel dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti,

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla mill-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit.

Ir-Rikors Mandat ta' Inibizzzjoni fl-ismijiet Adrian Puglisevich et vs Vladimir Puglisevich, Rikors numru 1800/2021/1 FS, jinsab differit għas-smiegħ għall-11 ta' Jannar, 2022, fit-8.15 a.m.

Notifika Intimat: La Providence, Triq Birkirkara, Ħ'Attard

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Jannar, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Title: The value of the reserved portion due to the creditors from the inheritance of their mother Irene Puglisevich who died on the 14th August, 2020, and who appointed the respondent as heir heir in virtue of the will in the records of Notary Doctor Joseph H. Sciriha dated 21st June, 2006.

Today 6th December 2021.

Warrant of Prohibitory Injunction where the demand exceeds €11,646.86c

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas the above warrant was presented and there recurr the elements required by law for the under mentioned order,

And after doing this or if you encounter any difficulty in the execution of this warrant you are to inform this Court forthwith.

Given by the Civil Court First Hall by the Honourable Mr. Justice Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trhib. Eccles. Melit.

The Application Warrant of Prohibitjory Injunction in the names Adrian Puglisevich et vs Vladimir Puglisevich, Application number 1800/2021/1 FS, has been put off for hearing to the 11th January, 2022, at 8.15 a.m.

Notify Respondent: La Providence, Triq Birkirkara, Ħ'Attard

Registry of the Superior Courts, today 5th January, 2022

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

19

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-21 ta' April 2021, Rikors numru 601/2021 minn Josephine Zammit, fejn insegwitu tar-rikors Rita Pace, imwielda fis-25 ta' Mejju, 1931, u li għandha karta tal-identità numru 349131M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Settembru, 2021.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 5 ta' Jannar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 21st April 2021, Application number 601/2021 by Josephine Zammit, whereby following the application Rita Pace born on the 25th May, 1931, and holding identity card number 349131M was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 7th September, 2021.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 5th January, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603